MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 756/2010

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Dr. Mark Busuttil LL.D. u l-P.L. Luisa Tufigno**
**li b'digriet tas-6 ta' Mejju 2010, gew nominati**
**kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti**
**Stephen Smith (Passaport numru 37294739), u**
**l-istess kuraturi deputati gew estromessi**
**b'digriet tat-8 ta' Frar 2011, u**
**b'digriet tal-14 ta' Frar 2012 regghu gew**
**re-integrati l-kuraturi deputati**
**Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Luisa Tufigno**
**biex jirraprezentaw lil assenti Stephen Smith**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tat-28 ta' Lulju 2010 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti Nutar Dottor Josette Spiteri Cauchi datat 17 ta’ April 2006 (Dok. A) is-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet ta’ loan lil konvenut Stephen Smith;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Stephen Smith fis-somma ta’ mija u tlieta u hamsin elf, tmien mija u sitta u sebghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€153,876.42) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan Accounts”* ta’ Stephen Smith mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B3, u Dok. C1 sa C3, u Dok. D1 sa D3) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta’ Lulju 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt partikolarment imma mhux esklussivament, billi Stephen Smith (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Stephen Smith li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 2 ta’ Dicembru 2009, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. E, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratt fuq imsemmi partikolarment imma mhux esklussivament, billi Stephen Smith (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif

stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Stephen Smith li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u

2. Tikkundanna lil Stephen Smith ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlieta u hamsin elf, tmien mija u sitta u sebghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€153,876.42) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts"* ta' Stephen Smith mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B3 u Dok. C1 sa C3, u Dok. D1 sa D3) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' Lulju 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

Minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenut Stephen Smith lis-socjeta attrici li ghalihom is-socjeta attrici tirrizerva li tipprocedi f'gudizzju separat;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali u tar-rikors ghan-nomina ta' kuraturi deputati datati 2 ta' Dicembru 2009, bil-konvenuti minn issa ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li tghid hekk:
Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-provi u dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2012;

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn il-bank attur qed jitlob il-hlas tal-bilanc ta' self moghti lil Stephen Smith bil-passaport numru 37294739 skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Josette Spiteri, tas-17 ta' April 2006.

Jidher mill-atti mhux kontradetti illi hemm bilanc dovut mill-istess Stephen Smith fis-somma ta’ €153,876.42 oltre l-imghax ulterjuri mill-15 ta’ Lulju 2010 (ara Dok. B1 sa B3 u C1 sa C3 u D1 sa D3.

Jidher ukoll illi Stephen Smith naqas li jhallas il-pagamenti kif dovuti skond il-ftehim u ai termini tal-istess ftehim il-bank attur kellu d-dritt li jesegi l-hlas immedjat tal-bilanc dovut.

Billi mix-xiehda ta’ rapprezentant  tal-bank Rose Cortis il-bilanc ghadu sallum mhux imhallas it-talbiet attrici jidhru gustifikati.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti. Bl-ispejjez kontral l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------